**KUNSILL LOKALI KALKARA**
1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA KKR 1330
TEL: 21665500
email: kalkara.lc@gov.mt FAX: 21665566

**Seduta Nru:** 17-15

**Data:** 28 ta' April 2015

**Hin:** 5:30pm

**Post:** Uffiċċju tal-Kunsill Lokali

**Membri Prezenti :** Speranza Chircop – Sindku
Christopher Bruno – Viċi Sindku
Maria Sultana - Kunsilliera
Paul Bongailas – Kunsillier
Sur Vincent Bongailas – Kunsillier

Michela Zammit- Ambaxxatriċi ġiet skużata minħabba raġunijiet personali

# MINUTI

**TALBA**

Is-Sindku Speranza Chircop qalet it-talba.

'European Walled Towns'

Fuq rikjesta tal-Kunsillier Pawlu Bongailas fil-laqgħat preċedenti rigward 'European Walled Towns', f'din is-Seduta attendiet is-Segretarja Ġenerali ta' din l-Għaqda is-Sinjorina Gabriella Agius, fejn spjegat il- benefiċċji li l-lokalita' tal-Kalkara tidħol membru f'din l-Għaqda minħabba il-Fortifikazzjonijiet / Swar li għandha.

Il-Kunsill kollu qabel unanimament illi għandu jkun parti minn din l-organizzazjoni anki minħabba il fatt illi il-Kunsill tal Kalkara ser ikollu vot biex meta jkun hemm elezzjonjiet tal- lokalitajiet oħra membri inkluzi dawk barranin ikunu ukoll jistaw jivvutaw għalijhom.

**1. QARI TAL-MINUTI**

Il-Minuti ġew riveduti mill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u kulħadd qabel li ma kien hemm l-ebda diffikultajiet jew punti oħra li kellhom jiġu mqajjma dwar is-Seduta li saret f'Marzu 2015.

2. Il-Minuti ġew moqrija u approvati fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Speranza Chircop u sekondati mill-Kunsilliera s-Sinjura Maria Sultana.

3. **<u>Ħwejjeġ li jirriżultaw mill-Minuti (Seduta 16.15);</u>**

3.1 Punt 4.8 mill-Minuti preċedenti; Is-Sindku spjegat illi it-tweġibiet tar-residenti li joqgħodu Triq il-Ħbit mill-Ajru rigward parkeġġi ġodda ġewwa din it-triq kien wieħed fqir minħabba il-fatt li mhux kulħadd mela il-formola mibgħuta mill- Kunsill aktar kmieni dan ix-xahar.

Il-Kunsill qabel unanimament illi għandha tintbgħat email formali lill- Transport Malta b'ritratti ċari ta' din it-Triq biex b'hekk jiggwidawna bl-aħjar mod possibli biex inaqqsu l-inkonvenjent tar-residenti stess f'din it-Triq.

3.2 Punt 5.1 mill-Minuti preċedenti; Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar kwotazzjonijiet li inkisbu mis-Seg.Eżek. aktar kmieni f'dan ix-xahar għal Kopertura ta' l-Assigurazzjoni aktar applikabli għal Kunsill Lokali Kalkara.

Hija spjegat illi l-'Allcare Insurance Limited' kienu l-irħas kif ukoll kellhom l-aħjar Koperta ta' Assigurazzjoni fost żewġ Aġenziji tal-Assigurazzjoni oħra.

Il-Kunsill qabel unanimament li għandna nkomplu il-proċess biex ikollna din il-Kopertura ta' l-Assigurazzjoni mill-aktar fiss possibli għal benefiċċju ta' kulħadd.

3.3 Punt 6.1ċ mill-Minuti preċedenti; is-Sindku ippreżentat it-tweġiba tat-Transport Malta li intbgħatet lill-Kunsill formalment dwar il-punt li qajjem Is-Sur Chris Bruno fil-Minuti preċedenti.

Is-Sur Chris Bruno saħaq li din it–tweġiba hija waħda sodisfaċenti u b'hekk is-sinjal għandu jibqa fejn qiegħed attwalment.

3.4 Punt 6.2h mill-Minuti preċedenti; is-Sindku spjegat illi il-kwistonji ta' żieda ta' 'Motor Cycle Bay' ġewwa Triq is-Salvatur ġiet approvata minn Transport Malta u ġie miżbugħ fil-bidu tat-Triq kif kien ġie diskuss f'laqgħat preċedenti.

Żieda ta' parkeġġ ma' l-istess naħa tal-'Motor Cycle Bay' ġewwa Triq is-Salvatur ma setatx tkun possibli minħabba l-fatt illi kienet ser tidjieq it-Triq meta wieħed jiġi biex jidħol lejn Triq Patist Borda.

3.5 Punt 6.2k mill-Minuti preċedenti: Is-Sindku spjegat l-ammont ta' parkeġġi riservati illi hawn madwar il-Kalkara b'ritratti ċari u b'informazzjoni dwar dawn l-istess parkeġġi.

Il-Kummenti tal-Kunsilliera waqt dan l-eżerċizzju speċjalment fuq parkeġġi riservati li għadhom impenġijin ma l-art fit-Toroq differenti li l-applikant miet jew qiegħed f'Dar tal-Anzjani jew Sptar ser ikunu qegħdin jintbgħatu Transport Malta għal gwida professjonali, fuq jekk għandhomx jiġu miżbugħa bojod u jiżdiedu il-parkeġġi jew anki 'Loading / Unloading' f'każijiet partikolari.

3.6 Punt 6.3f mill-Minuti preċedenti: is-Sindku spejgat illi ir-Riċeviment li kellha issir ġewwa il-Berġa bl-għajnuna tad- Dipartiment tal-Kura Primarja ser tkun qed tiġi posposta għal aktar tard din is-sena biex ngħatu aktar ċans għal lok ġdid u jsir Riċeviment akbar u isbaħ bħala kisba ta' binja ġdida.

3.7 Punt 6.3h mill-Minuti preċedenti:Is-Seg.Eżek. Spjegat illi intbgħatet email lill-MCA dwar żieda ta' 'Wifi' fil-Pjazza Sagra Familja, wara ħafna lmenti / suġġermineti tar-residenti stess. L-MCA spjegaw formalment illi huma qegħdin f'fażi ta' 'Tender' ġdida u għalhekk ma jistgħux jgħatu l-ebda kwotazzjonijiet qabel ma jkollhom kollox lest. Huma spjegaw ukoll illi għaddejjin diskussjonijiet bejn l-MCA kif ukoll id-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex b'hekk jiżdied it-tieni servizz ta' 'Wifi' fil--lokalitajiet.

L-MCA ikkonfermaw illi kif ikollhom informazzjoni oħra ser ikunu qegħdin ikellmuna huma biex b'hekk titranġa is-sitwazzjoni ta' nuqqas ta' 'Wifi' fil- Pjazza Sagra Familja.

3.6 Punt 4.6 mis-Seduta 15.15: Is-Sindku spjegat it–tweġiba tad-Dipartment tal-Gvern Lokali rigward twaħħil ta' 'ubends' ta' reklamar fil-Lokalita.

Il-Kunsill ma qabilx li għandhom jitwaħħlu l-ebda tip ta' 'ubends' b'reklamar fuqhom minħabba li jkerrħu l-ambjent kif ukoll anka minħabba il-fatt illi l-Kunsill m'għandhux 'by-law' fuq dan ir-rigward.

4. **Korrispondenza:**

4.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill b'email li rċeviet minn għand ' Let's Do It!' Malta, fejn qed jitolbu lill-Kunsill biex iġib skip kif ukoll 'mobile toilet' ħdejn Ricasoli

minħabba l-fatt li ser isir tindif estensiv ta' din l-area mill- Volontieri ta' din il-kumpanija.

Il-Kunsill qabel unanimament biex jaġevola lill dawn in-nies li ser inaddfu din l-area.

4.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar ittra li 'rċeviet mill-iskola Sekondarja tas-Subien Santa Margerita biex jingħata ktieb lill- student tagħhom li huwa resident il-Kalkara.

Il-Kunsill qabel unanimament li għandu jingħata il-ktieb bħas snin preċedenti.

4.3 Is-Sindku nfurmat il-Kunsill dwar ittra / programm tal-Festa li rċeviet f'isem Circolo San Giuseppe Filarmonika Sagra Famlija għall approvazzjoni tal-Kunsill.

Il-Programm ġie approvat mill-Kunsill kollu kif ukoll ser ikun qiegħed jintbgħat email lill- Kunsilliera kollha għal informazzjoni tagħhom mis-Seg. Eżek. Fuq talba tagħhom.

4.4 Is-Sindku nfurmat il-Kunsill dwar rikjesta minn NGO li tirrappreżenta nies li jbgħatu minn kundizzjoni ta' mard rari f'Malta. Din l-NGO hija ukoll issaportjata mill-President ta' Malta, fejn qed jitolbu li jinxtel x'imkien fil-lokalita' bil-kulur blu u vjola bħala ġest lil dawn in- nies li jbgħatu minn din il kundizzjoni għal jumejn biss bejn il-11 u t-12 ta' Mejju 2015.

Il-Kunsill qabel unanimament li għandha tixtgħel il-funtana f'Misrah Arċisqof Gonzi b'dawn il-kuluri biex b'hekk inkunu qegħdin ngħinu u nissaportjaw lill dawn in-nies aħna ukoll.

4.5 Is-Sindku infurmat il-Kunsill illi ġiet iffinalizzat l-evalwazzjoni tat-Tender ta' l-'Online Streaming' mill-Ingienier is-Sur Vince Rapa u ġie magħżul fuq il- kriterji kollha li kien hemm fit-Tender l-AID Ltd.

Ser ikunu qegħdin jintbgħatu l-ittri bħas soltu lil kull min sottomessa it-'Tender u jkomplu il-proċeduri biex titwaħħal is-sistema 'online' fiż-żmien li ġej.

4.6 Is-Sindku ippreżentat email ta' suġġeriment / ilment mingħand resident fi Triq Santa Liberata biex jitwaħħlu 'Speed Cameras' f'din l-istess Triq minħabba sewwieqa li jgħaddu b'sewqan eċċessiv. Din l-istess talba intbgħatet lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali mingħand l-istess resident.

Is-Seg.Eżek. wieġbet lid-Dipartmet formalment rigward din l-email wara li intalbu il-kummenti tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel unanimament illi din ir-rikjesta għandha tiġi mibgħuta lill-Gvern Ċentrali minħabba il-fatt illi il-Kunsil mhuwiex f'pożizzjoni finanzjarja li jwaħħal 'Speed Camera' f'din it-Triq.

4.7 Is-Sindku infurmat il-Kunsill dwar email li rceviet mingħand Fr.Martin Mamo b'talba ta' 'bolard' fi Triq Rinella fil- kantuniera minħabba il-fatt illi l-karozzi qegħdin jitilgħu fuq il-bankina u kull darba jisfrondaw il-kaptella tad-dranaġġ.

Il-Kunsill ma laqax din it-talba minħabba il-fatt illi f'laqgħat preċedenti kien diġa ġie deċiż illi l-Kunsill m'għandux ikun responsabbli ta' kaptelli privati tar-Residenti, pero' is-Seg.Eżek. ser tkun qed titkellem mal-Kuntrattur tal-Kunsill biex forsi jiġi milħuq arranġament u titranġa il-bankina biex b'hekk l-ebda karozza ma tkun tista titla fuq din il-kaptella.

4.8 Is-Sindku ressqet talba mingħand persuna li għandha kiosk u li tixtieq tagħmel permessi mal-Kunsill biex tkun tista tbiegh ikel u xorb fil-lokal.

Il-Kunsill talab aktar informazzjoni m'għand l-individwu minħabba il-fatt illi l-email li intbgħatet minn naħa tiegħu ma kienitx ċara u ma kienx fiha dettalji biżejjed biex il-Kunsill jieħu deċiżjoni.

4.9 Is-Sindku ressqet talba ta' resident li għandu għalqa fi Triq Santa Liberata li qiegħed isib diffikulta jidħol fl-għalqa tiegħu stess peres li jipparkjaw il-karozzi qudddiem l-entratura.

Il-Kunsill qabel unanimament li għandu jsir 'Yellow Line' bl-approvazzjoni ta' Transport Malta kif inhu suppost.

4.10 Is-Sindku infurmat il-Kunsill dwar suġġeriment mingħand xi residenti li joqgħodu fi Triq il-Luqqata biex jiġu organizzati postijiet ta' parkeġġ kif ukoll il-linji sofor mal-garaxxijiet.

Il-Kunsill kollu qabel li għandha tintbgħat ittra lir-residenti bħas soltu qabel tintbgħat it-talba formali lill Transport Malta għal approvazzoni tal-parkeġġi u il-linji imsemmijijn hawn fuq.

4.11 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill dwar rampa li kienet infetħet biex persuna li tuża is-siġġu tar-roti seta joħroġ komdu mill-appartament tiegħu fi Triq Rnella. Dan l-istess resident issa ġie nieqes u din ir-rampa qed tintuża attwalment minn żgħażagħ bl-'iscate boards' li qed joħolqu skomdu għal kumplament tar–residenti f'din l-istess blokka ta' appartamenti.

Il-Kunsill qabel illi ir-rampa għandha terġa ssir kif kienet originarjament ġiet imfassla fis-snin preċedenti minnufih mill-ħaddiema tal-Kunsill.

4.12 Is-Sindku infurmat lill- Kunsill dwar ilmenti m'għand ir-residenti li joqgħodu fi Triq il-Ħbit mill-Ajru, dwar l-iskart li jkun hemm fil-kantunieri ta' nies differenti minħabba il fatt ta' nuqqas ta' skip f'din l-istess Triq.

Il-Kunsill ser ikun qiegħed jagħmel skip ta' prova fi Triq il-Ħbit mill-Ajru minħabba il fatt li Triq hija waħda żgħira u dejqa u jaf tkun ta' inkonvenjent wara il-bieb tan-nies.

4.13 Is-Sindku infurmat lill Kunsill dwar ilmenti fuq skart goff f'għalqa privata li qed ikun hemm wara il–'Bring in Sites' fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, fejn il-Pulizija stess qed jissugerixxi illi l-iskip minnhom tiġi mmexija man naħa ta' fejn hemm iċ-ċint aktar għoli biex b'hekk tnaqqas milli in-nies jitfaw wara l-iskip minħabba li fejn qeda attwalment tgħati lejn ċint baxx.

Il-Kunsill qabel ma dan is-suġġeriment u l-iskip ser tkun qed tiġi mal-ħajt li hu aktar għoli.

4.14 Is-Sindku 'nfurmat lill- Kunsill illi intbgħatet email formali lill Gvern Ċentrali dwar l-abbużi li qed isiru in naħa tal- Bajja ta' Rnella speċjalment twerżieq ta' 'tyres' fis-siegħat bikrin ta' filgħodu. Dawn qed joħolqu inkonvenjent għar residenti tal madwar kemm b'riħa ta' ħruq kif ukoll bl-istorbju.

4.15 Is-Sindku nfurmat lill Kunsill dwar l-aħħar fażi tal proġett rigward 'Performance Indicators' li kien ġie diskuss aktar kmieni din is-sena bħala Kunsill, illi l-aħħar fażi tiegħu ser issir Norway.

Is-Sindku ser tkun qed iċċedi postha lil Kunsillier Pawlu Bongailas minħabba il fatt illi kien hu l-persuna li attenda għal laqgħat kif ukoll ħadem fuq l-'Indicators'.

Is-Seg.Eżek. ser tkun qed tara il-prijoritajiet tagħha qabel ma tgħati l-konferma li ser tmur hi ukoll fuq dan il-proġett biex filkas jitla xi ħadd mill-istaff klerikali tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel unanimament ma l-informazzjoni hawn fuq.

4.16 I-Sindku infurmat lil Kunsill illi bħas snin preċedenti ser inkunu qed napplikaw għal skema biex nieħdu flus sa massimu ta' €600 mid Dipartiment tal-Gvern Lokali għal xiri ta' kotba fil-Librerija Pubblika tagħna, wara li intbgħat email mill istess Dipartiment tinforma lill Kunsill wieħed x'għandu jagħmel biex japplika.

4.17 Is-Sindku ippreżentat l-aġġustamenti li għamel l-'Accountant' tal-Kunsill lill Kunsill kollu biex b'hekk jiġu approvati u jintbgħatu lill awdituri minnufih biex jitkompla il-proċess tal 'Audit' għas sena 2014 tal Kunsill Lokali Kalkara.

L-aġġustamenti ġew approvati mill Kunsill kollu.

## 5.Komunikazjoni tas-Sindku

5.1 Is-Sindku spjegat lill Kunsill dwar l-ilmenti li qed ikollna mingħand residenti ta' l-inħawi ta' Ġnien is-Salvatur rigward l-iskip li hemm fejn l-istess Ġnien minħabba il fatt li nies minbarra il-lokal qegħdin jarmu skart goff f'ħinijiet barra mill ġbir tal-lokal.

Is-Sindku saħqet li hemm bżonn li din l-iskip jinbidlila il-post biex forsi ma tkunx daqshekk faċli li persuna tarmi fiha ħlief ir-residenti ta' l-inħawi.

Ser tkun qed tintbgħat notifika lill dawn ir-residenti biex narfuwhom illi l-iskip ser tkun qed tiġi impoġġija f'post ġdid konvenjenti għal kulħadd.

5.2 Is-Sindku infurmat il-Kunsill dwar ix-xewqa tagħha illi jinxtelu is-siġar taż-żebbuġ li hemm f'Misraħ Arċisqof Gonzi bħal ma kien isir fis-snin preċedent għaż-żminijiet tas-sajf biex b'hekk ikun hemm atmosfera sabiħa max-Xatt.

Ser tkun qed tinġieb kwotazzjoni mingħand il-kuntrattur tad-dawl il-ġdid maħtur mir-reġjun stess.

5.3 Is-Sindku nfurmat lill Kunsill dwar rampa fi Triq San Lawrenz li kienet saret mill-Kunsill stess fis-snin preċedenti għal persuna b'diżabilita', li dan l-aħħar ma baqax jgħix hemm.

Il-Kunsill kollu qabel illi din ir-rampa għandha titneħħa biex ikun hemm aktar spazju fuq il-bankina għan nies li jgħaddu bil pass jew anke b'xi 'pushchair' jew 'wheelchair'.

5.4 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill kollu dwar suġġeriment mingħand ir-residenti li joqgħodu in-naħa ta' Rinella Housing Estate biex fejn hemm passaġġ bit taraġ tiġi rampa baxxa minħabba il fatt illi minn jgħaddi b' 'pushchair jew b' 'wheel chair' tkun aktar aċċessibli għalijhom.

Il-Kunsill qabel dwar dan.

5.5 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar żewġ ħarġiet li ser tkun qed tagħmel fix-xhur ta' Mejju u Ġunju:

- waħda għal okkażjoni ta' Jum l-Omm u l-oħra fl-okkażjoni ta' Jum il-Missier.

## 6.KOMUNIKAZZJONI TAL-KUNSILLIERA

### 6.1 *__Il-Viċi Sindku Christopher Bruno għadda dawn il-punti__*

a. Is-Sur Chris Bruno talab lis-Seg.Eżek. tieħu ħsieb li tinżabar is-siġra li hemm fil-passaġġ wara l-istejġ ta' Triq il-Missjoni Taljana minħabba il-fatt li qed tkun ta' xkiel għan nies għaddejjin bil pass minn din l-area.

b. Is-Sur Chris Bruno staqsa lis-Seg.Eżek. ġietx ordnata it-tabella ta' fejn il-bandli kif kien diga talab fis-Seduta preċedenti.

Is-Seg.Eżek. ikkonfermat li t-tabella ġiet ordnata aktar kmieni dan ix-xahar u titwaħħal kif tasal minnufih

c. Is-Sur Chris Bruno staqsa ġietx approvata it-talba ta' żbir ta' siġar taż-żebbuġ fi Triq l-iSptar Navali.

Is-Seg.Eżek. wieġbet illi 'ntlew il- permessi kollha neċessarji mal-MEPA biex dan iż-żbir isir u li l- Kunsill għadu qed jistenna konferma minn naħa tal-MEPA.

d. Is-Sur Chris Bruno talab lis-Seg.Eżek tiċċekja jekk bħala Kunsilliera humiex koperti fuq vjaġġar minn naħa tal-Assikurazzjoni li saret mill ġdid is-sena li għaddiet (2014)

e. Is-Sur Chris Bruno informa il-Kunsill illi ż-Żgħażagħ temmew il-proġett tagħhom is-Sibt 25 t' April 2015 b'tisjijr għal saħħa aħjar għan nies kollha. Din l-aħħar fażi tal-proġett ġiet milqugħa tajjeb ħafna minn nies preżenti.

f. Is-Sur Chris Bruno talab lis-Seg.Eżek. tiċċekja mal- Awtoritajiet dwar l-eta' sa meta iż-Żgħażgħ jistgħu jagħmlu parti mill-Kunsill taħt ir-responsabilta' tal-Kunsill stess.

6.2 ***Kunsilliera Is-Sinjura Maria Sultana***

a. Is-Sinjura Maria Sultana staqsiet dwar il-funtana ta' Ġnien is-Salvatur peres li ilha żmien ma tinxtgħel.

Is-Seg.Eżek wieġbet formalment il Kunsill kollu illi din il-funtana qed tiġi irranġata minn naħa tal-Gvern Ċentrali wara li intbgħatet email formali lill Kunsill biex tavża dwar dan. Iċ-ċwievet ġew mgħoddija lil ħaddiema tal-Gvern biex jinbeda ix-xogħol fuq din l-istess funtana.

b. Is-Sinjura Marija Sultana spjegat rampa li ġiet diskussa mil-minuti preċedenti li għanda issir f'taraġ li hemm in-naħa ta' Rinella Housing Estate minhabba il fatt ta' ħafna ilmenti mingħand l-istess residenti.

Din ir-rampa ser tkun qed tiġi magħmula fiż-żmien li ġej.

c. Is-Sinjura Sultana talbet lis-Seg.Eżek. biex issir bankina in-niżla ta' Rinella minħabba il-fatt li din it-Triq hija ta' periklu għan nies li jkunu għaddejin bil mixi.

Is-Seg.Eżek spjegat illi wara li t-Triq ma ġietx approvata minn TM biex issir 'One Way', bankina ser tkun ta xkiel minħabba il fatt illi t-Triq hija dejqa aħseb u ara kieku jkollha issir bankina li bilfors triq toħroġ il barra biex tkun skond il-liġi.

d. Is-Sinjura Sultana talbet lis-Seg.Eżek. meta ser jintbgħatu il- ħaddiema fi 'Ġnien Nicole Zahra', biex jinqata il-ħaxix ħażin.

Is-Seg.Eżek. ikkonfermat illi l- ħaddiema tal-Kunsill diġa qegħdin jagħmlu xi xogħolijiet f'dan il-Ġnien kif kien diġa miftijem.

e. Is-Sinjura Maria Sultana talbet formalment lis-Seg.Eżek. titkellem mas-sidien tal-ħwienet fl-area ta' Triq Is-Salvatur biex il- kartun jiġi mitfuħ fl-iskip tal-karti u mhux jitħalla barra minħabba il fatt illi r-residenti qegħdin jgħaddu ħafna lmenti dwar dan.

6.3 ***<u>Kunsillier-Is-Sur Pawlu Bongailas</u>***

*<u>a.</u>* Is-Sur Pawlu Bongailas saħaq illi hemm bżonn jerġgħu jitpoġġew l-iskips li kienu ġew imneħħija mill-Kunsill stess fis-snin li għaddew fi Triq il-Kapuċċini kif ukoll Triq Straubenzee.

L-iskip ta' Triq il-Kapuċċini ser tkun qed tiġi impoġġijha fejn il-'Bring in Sites' kif ġie maqbul mill-Kunsill kollu kif il-kuntrattur ikollu skips ġodda eleġibbli u dik ta' Triq Straubenzee is-Sur Bongailas ser ikun qed jiċċekja personalment fejn tista titpoġġa minħabba il fatt illi fis-snin preċedenti kienet ġiet imneħħija billi in-nies kienu qed jitfgħu skart goff fiha biex ma jerġax ikun hemm din il-problema.

*<u>b.</u>* Is-Sur Pawlu Bongailas talab lis-Sindku tiċċekja dwar arblu tad-dawl fi Triq Luigi Pisani billi ġie milqut minn xi trakk u jaf ikun ta' periklu għal minn jgħaddi minn taħtu.

*<u>c.</u>* Is-Sur Bongailas staqsa dwar jekk il-Kunsill jistgħax iġib kwotazzjoni biex jitwaħħal 'flood light' temporanjament fi Triq il-Missjoni Taljana fil viċinanzi tal-Housing Estate billi qed ikun hemm ħafna dlam minħabba ix-xogħolijiet li qed isiru fl-istess Triq.

d. Is-Sur Bongailas staqsa formalmet lis-Sur Chris Bruno dwar għalfejn ma ġietx stampata l-arma tal-Kunsill fuq in–notifiki li intbgħatu lir-residenti fi djarhom aktar kmieni dan ix-xahar minn naħa tal-Kunsill taż-Żgħażagħ rigward il-proġett li għamlu.

Is-Sur Chris Bruno wieġeb illi din ma kienitx assolutament nuqqas ta' rispett lejn il-Kunsill imma kienet biss għal fatt illi l-istampatur stess qallhom illi ma kienx hemm spazju fejn tiġi ipprintjata l-Arma tal-Kunsill u anqas l-Arma ta' l-Aġenzija Żgħażagħ

e. Is-sur Bongailas talab illi niċċekjaw mal-Kuntrattur tad-dawl rigward dlam li qed ikun hemm Misraħ Arċisqof Gonzi  Kalkara viċin iz-zuntier tal-Knisja

f. Is-Sur Bongailas ikkonferma lill Kunsill kollu illi l-arblu tal-Kunsill ġie mtella f'postu wara li kienu sarulu xi xogħolijiet ta' manutenzjoni iktar kmieni din is-sena.

g. Is-Sur Bongailas talab lill-Kunsill biex jiġu stampati kartolini ta' simpatija lill familjari ta' residenti kalkariżi li jmutu.

Il-Kunsill kollu qabel dwar dan.

h. Is-Sur Bongailas fakkar lill Kunsill illi hemm bżonn issir laqgħa informali bejn il-Kunsill kollu biex jiġu diskussi Jum il-Kalkara 2015, Il-Festa tal-Kalkara 2015, kif ukoll l-Attivita' tal-Mafkar.

**TMIEM**

Is-Seduta intemmet fis-7:30pm u ġiet aġġornata għas-Sibt 30 ta' Mejju 2015 fid - 9:00am.

**Speranza Chircop**
**Sindku**

**Elaine Caruana**
**Seg.Eżek.**